**574. L-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Joseph Ellis jipproponu:**

Peress li nhar il-Ħadd, 1 ta' Awwissu 2021, il-ġurnal *The Sunday Times of Malta* żvela li l-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, l-Onor. Edward Zammit Lewis kien qed jikkonfoffa u jiddieħak ma' Yorgen Fenech dwar talba li saret mill-eks-Kap tal-Oppożizzjoni Dott. Simon Busuttil biex issir inkjesta dwar il-kumpanija 17 Black imwaqqfa f'Dubaj u dwar l-iskandlu tal-Panama Papers;

Peress li jirriżulta li l-Onor. Edward Zammit Lewis iddeskriva lill-eks-Kap tal-Oppożizzjoni Dott. Simon Busuttil bħala "*theddida għas-saltna tad-dritt*" u fil-komunikazzjoni li kellu mal-imsemmi Yorgen Fenech huwa ddeskriva lill-votanti Laburisti bħala "*ġaħan*" u lil sħabu l-Ministri bħala "*tfal u pożi*" filwaqt li fittex l-appoġġ u l-approvazzjoni tal-imsemmi Yorgen Fenech għall-aġir tiegħu;

Peress li dan kollu seħħ wara li kien sar magħruf pubblikament permezz ta' dak żvelat minn *The Times of Malta* u mill-aġenzija internazzjonali tal-aħbarijiet Reuters, li l-imsemmi Yorgen Fenech huwa s-sid tal-kumpanija 17 Black li mingħandha l-Onor. Konrad Mizzi permezz tal-kumpanija sigrieta tiegħu Hearnville Inc. u l-eks Chief of Staff Keith Schembri permezz tal-kumpanija sigrieta tiegħu Tillgate Inc., kellhom kull wieħed jirċievu ħamest elef Ewro (€5,000) kuljum;

Peress li pajjiżna jixraqlu li l-kariga ta' Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza tkun okkupata minn persuna li ma tkunx assoċjat ruħha ma' persuna li dwarha kien hemm diġà allegazzjonijiet serji, u li l-istess persuna ma tkunx ipparteċipat fil-ħolqien u t-tħaddim ta' kultura ta' impunità li wasslet għall-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia; u

Peress li bl-aġir tiegħu l-Onor. Edward Zammit Lewis wera li bl-imġiba tiegħu poġġa l-kariga pubblika lilu fdata f'riskju u konsegwentement mhux idoneju u mhux denju li jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Gvern;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Tiċċensura bis-saħħa l-aġir tal-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, l-Onor. Edward Zammit Lewis;

2. Tiddikjara l-isfiduċja tagħha fl-istess Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, l-Onor. Edward Zammit Lewis; u

3. Titlob lill-Prim Ministru sabiex minnufih jeżiġi r-riżenja tal-Onor. Edward Zammit Lewis minn Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza u fin-nuqqas li dan iseħħ, ikeċċih minn Ministru.

02.08.2021